

# Arti Effemerali

Din żgur hija l-aktar kelma tqila li qed nismgħu llum! Din hija arti nteressanti ħafna. Titlob attenzjoni minn min ikun qed jipprattika din it-tip ta' arti. Il-materjal li jintuża biex jinħolqu d-disinni ma huwiex żebgħa, tafal jew materjal ieħor, imma huwa petali tal-fjuri, serratura u saħansitra melħ! Iva smajt tajjeb anke melħ jintuża biex jinħolqu disinni.

Id-disinni tal-melħ ħafna drabi huma marbuta mal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Fi platti jew anke fuq uċuħ akbar permezz ta' melħ joħolqu disinni dettaljati. Xi drabi dawn id-disinni jsiru wkoll bis-serratura li titpoġġa fejn xulxin b'kuluri differenti u joħroġ id-disinn.

Tradizzjoni li saret popolari huma twapet bil-petali tal-fjuri li kienu u għadhom isiru fil-festa tal-Korpus. Il-festa li tiġi ċċelebrata mill-Knisja f'Ġunju biex tfakkar li Ġesù jinsab fl-Ewkaristija. Peress li għall-Insara l-Ewkaristija hija importanti ħafna, allura kienu jsiru twapet bil-petali tal-fjuri, biex b'rispett lejn din id-devozzjoni l-qassis li jkun qed iġorr l-Ewkaristija jgħaddi minn fuqu.

Din it-traddizzjoni tal-arti effemerali ssir f'diversi pajjiżi madwar id-dinja. Forsi xi darba tkun Brussell f' Ġunju, ittawwal waħda sal-Pjazza prinċipali għax hemm iħobbu jagħmlu tapit kbir kollu petali tal-fjuri mal-pjazza kollha! Ara x'kobor!

kultura

# Aghti l-kulur



kultura